MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 216/1996/1

**Maria Debono u b'digriet tat-8 ta' Gunju 2005 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Frances mart Raymond Galea, Rose mart Anthony Vella u Salvino ahwa Rapa stante l-mewt ta' Maria Debono fil-mori tal-kawza**

**Vs**

**Michelina Apap u zewgha Carmelo Apap ghal kull interess li jista' jkollu.**

**Thassir ta' Donazzjoni – Ingratitudni minhabba mohqrija u ingurji gravi.**

Permezz ta' kawza prezentata fil-15 ta' Ottubru 1996 l-attrici qeghda titlob it-thassir ta' donazzjoni minhabba ingratitudni, u liema donazzjoni saret lill-konvenuta permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-17

ta’ Frar 1994 tad-dar numru 52, Triq Hamri, Ghawdex. It-talba hi bazata fuq il-kawzali li d-donatarja:-

(a) Saret hatja lejn l-attici ta’ mohqrija u ingurja gravi.
(b) Ippregudikatilha hafna l-interessi taghha.
(c) Cahditilha l-ghajnuna li minghajr xkiel kbir ghaliha setghet taghtiha.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fl-14 ta’ Novembru 1996 (fol. 16), il-konvenuti sostnew li:-

(a) m’hemmx lok ghat-thassir tad-donazzjoni; u
(b) f’kull kaz l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 1790 tal-Kodici Civili.

Permezz ta’ sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Ottubru 2008, is-sentenza ta’ din il-qorti fl-14 ta’ Dicembru 2005 giet imhassra ghaliex ma kenitx inghatat decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni.

1. Il-fatti principali huma s-segwenti:-

(a) L-attrici kienet proprjetarja tal-fond 52, Triq Hamri, Ghawdex flimkien ma’ porzjon art annessa mal-fond.
(b) Fis-17 ta’ Frar 1994 l-attrici ttrasferiet dan il-fond lill-konvenuta b’donazzjoni b’att pubblikat min-nutar Michael Refalo (fol. 5). L-attrici rrizervat il-jedd: *“..... ta’ uzu gratuitu tul hajjitha kollha fuq l-immobbli trasferit.”*.
(c) Ghal habta ta’ Ottubru 1995 il-konvenuta marret tghix mal-attrici gewwa l-fond fuq imsemmi, flimkien ma’ zewgha u zewg itfal.
(d) B’sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta’ Mejju 2003 giet konfermata sentenza tal-ewwel qorti tas-27 ta’ Settembru 2001 li sabet lill-konvenuta hatja li fil-15 ta’ Awwissu 1996 hebbet ghall-attrici (Artikolu 339[1][d] tal-Kodici Kriminali) u wkoll li hedditha bi kliem. Il-qorti kkundannat lill-konvenuta thallas ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) ghal kull imputazzjoni, wara li osservat li mill-provi kienet sodisfatta

li: *“..... l-appellanti verament aggrediet lix-xewjha Maria Debono (li tigi zijitha) fid-data u fil-hin indikati fl-imputazzjoni, u li anke hedditha. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala m’ghandhiex temmen lil Maria Debono meta din iddeskriviet kif giet aggredita mill-appellanti (u ftit wara anke mir-ragel tal-appellanti), billi defsitilha rasha fil-platt tal-brodu, heddidtha li toqtolha, ghamlitilha imhadda ma’ wicca u ghafsitilha dahrha mas-siggu li l-istess Debono kienet fuqu......”* (fol. 242-243). Il-Qorti tal-Appell Kriminali rabtet lil Michelina Apap b’obbligazzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ persuna u sabiex jinzamm il-bon ordni (Artikolu 383 tal-Kap. 9).

(e) F’Ottubru 1996 l-attrici ma komplitx tghix fil-fond in kwistjoni flimkien mal-konvenuta, izda marret tghix ma’ familjari ohra taghha.

(f) L-attrici mietet fis-17 ta’ Marzu 2005 fl-eta’ ta’ 92 sena.

2. Dwar **l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni**, l-Artikolu 1790 tal-Kodici Civili jipprovdi li azzjoni ghat-thassir ta’ donazzjoni minhabba ingratitudni *“..... ma tistax issir hlief **sa zmien sena minn dak in-nhar tal-fatt li d-donatur igib kontra d-donatarju**, jew minn dak in-nhar li d-donatur seta’ jsir jaf b’dak il-fatt.”*. Jidher li l-perjodu ta’ sena hu perjodu ta’ dekadenza.

Minn qari tac-citazzjoni hu evidenti li l-attrici bbazat il-kawza fuq dak li kien gara fl-ahhar sena qabel ipprezentat ic-citazzjoni, cjoe’ fil-perjodu mill-15 ta’ Ottubru 1995 sal-15 ta’ Ottubru 1996. Tant hu hekk li l-incidenti li rreferiet ghalihom kollha jirreferu ghal dak il-perjodu. L-attrici stess ikkonfermat li l-inkwiet inqala’ wara li l-konvenuta marret tghix maghha fid-dar; *“**Qabel ma Kelina giet id-dar tieghi mieghi, kienet sewwa** – ma kellniex xi nghidu u kont nistmaha bhal hutha l-ohra, jew aktar. Izda x’hin dahlet id-dar, qisu dahal l-infern – minhabba s-swat li qlajt – haga li qabel f’ghomri ma kont(x) ghaddejt minnha.”* (fol. 58). Il-konvenuta stess xehedet li marret tghix mal-attrici f’Ottubru 1995 (fol. 253). Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

3. Il-konvenuti kienu talbu li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tigi sfilzata mill-atti ghaliex il-proceduri kriminali huma indipendenti mill-proceduri civili (ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2005 – fol. 294). Hu minnu li l-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li *"L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra."*.

Pero' m'hemm l-ebda provvediment li jipprojbixxi li sentenza li nghatat f'azzjoni kriminali ma tistax tigi esebita f'kawza civili. Anzi l-Artikolu 627 tal-Kap. 12 jipprovdi li atti tal-qrati tal-gustizzja huma:- *"...... **ammissibbli bi prova bla ma tkun mehtiega ebda prova ohra ta' l-awtenticita taghhom.**"*.

Is-sentenza esebita mill-attrici hi fiha nnifisha prova konklussiva li l-konvenuta giet akkuzata u nstabet hatja li fil-15 ta' Awwissu 1996 hebbet u qalet kliem ta' theddid lill-attrici. Inoltre, fil-proceduri kriminali l-attrici u l-konvenuta xehedu u ghalhekk kellhom l-opportunita' li jaghtu l-verzjoni tal-fatti. Wara li l-qorti qieset il-verzjoni taghhom u ta' min xehed, ikkonkludiet li l-konvenuta kienet hatja li hebbet ghall-attrici. Ghandna niftakru wkoll li fi proceduri kriminali l-piz tal-prova tal-prosekuzzjoni hu iktar oneruz minn dak tal-attur fil-process civili. Wiehed ma jistax jargumenta li tkun qeghda ssir xi ingustizzja kontra l-konvenuta jekk is-sentenza li nghatat fid-9 ta' Mejju 2003 fiha nnifisha titqies bhala prova kontra l-konvenuta. Dan mehud in konsiderazzjoni li Michelina Apap kellha kull opportunita' li f'dawk il-proceduri tiddefendi ruhha billi tressaq provi, u sahansitra ghazlet ukoll li tixhed u taghti l-verzjoni taghha. F'tali cirkostanzi jkun kontra s-sens komun li tghid li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma tfisser xejn. Ghallinqas ghandha taghti lok ghall-presunzjoni ta' htija, li tkun tista' titwaqqa' bi provi li jressaq il-konvenut.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, it-talba ghall-isfilz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali qeghda tigi michuda.

4. F'affidavit li pprezentat mac-citazzjoni (fol. 8), l-attrici rrakontat:-

(a) Incident meta l-attrici tat Lm25 lill-konvenuta li riedet Lm45. Meta tatha dan l-ammont, tghid li l-konvenut waddbithom ghal wiccha u l-flus waqghu fl-art. Il-konvenut qalet lill-attrici biex tigborhom mill-art li wiegbet li l-flus kienu tal-attrici u kellha tigborhom hi; *"Hekk kif ghamilt ftit passi hija giet tigri ghal fuqi u qabditni minn spallejja u bidet thabbatni mal-hajt filwaqt li bdiet tghidli "Ghax noqtlok, ghax noqtlok.". Dak il-hin hija bdiet tghajjarni u tinsulentani u tghidli li jiena ma kelli xejn hemmhekk u bdiet taghtini id-daqqiet b'idejha."* (fol. 9).

(b) F'lejliet l-ewwel tas-sena kienu sakkruha fid-dar.

(c) Ma kienux ighinuha tant li f'okkazzjoni minnhom kellha bzonn tbiddel cilindru tal-gass u kellha titlob l-ghajnuna ta' tifel fit-triq.

(d) Dwar l-incident li sehh fil-15 ta' Awwissu 1996 qalet: *".... kont qed niekol ftit tal-brodu u hja dahlet minn warajha, qabditni minn ghonqi u nizzlitli rasi fil-platt u wahhlitli wicci gol brodu u qaltli Ghax nifgak u wara qabdet imhadda u ipprovat izzommli in nifs biha. Jiena ipprovajt nahrab il-barra imma meta wasalt fejn il-bieb jiena sibtu imsakkar u ma stajtx nohrog. Jiena imbaghad ergajt dhalt il gewwa u Michelina bdiet issawatni u taghtini b'idejha, bl-imhadda u b'kull ma gie f'idha."* (fol. 11). Irrakkontat ukoll li telghet fuq il-bejt u pprovat tinzel ma hajt izda ccaqalqet gebla, waqghet ghal isfel u spiccat fit-triq. Jirrizulta li ghamlet hamest ijiem l-isptar (fol. 12).

(e) Meta harget mill-isptar marret lura f'darha izda l-konvenuta u l-familjari taghha ma kienux ikellmuha.

5. Mill-provi rrizulta li l-attrici kienet tat prokura lill-Arcipriet Dun Guzepp Zerafa sabiex isarfilha l-pensjoni. Dan il-qassis kien imur iqarben lill-attrici darbtejn fix-xahar. M'hemmx dubju li l-konvenuta ma haditx pjacir li l-attrici kienet tat prokura lil Dun Guzepp Zerafa, tant li fil-15 ta' Awwissu 1996 marret l-ufficcju parrokjali ghas-sodisfazzjoni u li kienet tippretendi li qabel jaccetta l-mandat kellu jkellimha; ***"Wara xi argumenti hi qaltli ma***

***irridekx tigi tqarrbinha iktar dment li qieghda go dari.”*** (fol. 27). Atteggjament li fil-fehma tal-qorti juri element qawwi ta’ arroganza tal-konvenuta, in kwantu:-

a. Ma kellha l-ebda jedd tindahal lill-attrici dwar min ghandu jsarfilha c-cekk tal-pensjoni, u liema qassis ghandu jmur iqarbinha. Ghalkemm ta’ eta’ avvanzata kellha kull jedd li tiehu decizjonijiet minghajr ebda indhil jew biza’ ta’ riperkussjonijiet.

b. Ghalkemm hu minnu li l-konvenuta kienet sid tal-fond 52, Triq Hamri, Ghajnsielem, fl-att ta’ donazzjoni jinghad li l-attrici rrizervat id-dritt ta’ uzu gratuwitu tal-immobbli. Ghalhekk il-konvenuta ma kienet qeghda taghmel l-ebda pjacir lill-attrici bil-fatt li kienet qeghda tghix fid-dar.

Tant il-konvenuta ffastidjat ruhha li l-Arcipriet Zerafa ma baqax jidhol ghandha ghat-tberik. Qal ukoll: *“Wara xi argumenti hi qaltli ma rridekx tigi tqarbinha iktar dment li qieghda go dari.”* (fol. 27).

Il-qorti hi moralment konvinta li l-kwistjoni ma waqfitx hemm, fis-sens li kif irrakontat l-attrici dakinhar stess sehh l-incident li fih il-konvenuta:- ***“qabditni minn ghonqi u nizzlitli rasi fil-platt u wahhlitli wicci gol brodu u qaltli ‘Ghax nifgak’ u wara qabdet imhadda u ipprovat izzomli in-nifs biha.”*** (fol. 10). Jirrizulta li wara l-attrici telghet fuq il-bejt tad-dar. Marylee Vella li nzertat qeghda fi Triq Hamri ccempel minn telephone box, spjegat kif rat lill-attrici tibki u tghajjat: ***“Ghinni ghax ha naqbez, sakkruni gewwa u qeghdin isawtuni. Kien hemm gholi ta’ madwar tmien filati jew aktar minn fuq il-bejt ghat-triq. Jiena irhejt it-telephone u mort nigri nipprova intiha l-ghajnuna..... Maria fil-mument kienet imbezza u tibki kemm tiflah”*** (fol. 34). Bla dubju dan hu atteggjament ta’ persuna li tinsab f’sitwazzjoni xejn sabiha. Agir li m’huwiex kompatibbli ma’ dak li rrakontat il-konvenuta li: *“Iz-zija regghet bdiet tgerger u bdiet titfa’ l-botti u l-insolenzi lejja u* ***dak il-hin illatikajna ftit bil-kliem*** *ghaliex wara kollox kullhadd huwa uman u ma rrezistejtx li ma nwegibhiex lura u tlaqt ghand ommi billi dakinhar*

*kienet sajret ommi ghall-familja.”* (fol. 255). Il-qorti temmen li l-attrici telghet fuq il-bejt proprju minhabba l-agir aggressiv u xejn komplimentuz tal-konvenuta, u mhux ghaliex l-anzjana kienet mentalment disturbata jew ghaliex riedet tivvinta storja kontra l-konvenuta. F’dan il-kuntest il-qorti ma temminx lill-konvenuta meta qalet:- *“Dwar l-incident li semmit ta’ nhar Santa Marija tas-sena 1996, jiena lil Maria bl-ebda mod ma erfajt idejja fuqha jew messejtha....”* (fol. 255). Kemm dan m’huwiex minnu rrizulta bl-iktar mod inekwivokabbli mis-sentena tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta’ Mejju 2003 (fol. 241).

Jirrizulta wkoll li wara li harget mill-isptar, l-attrici regghet marret tghix fid-dar li kienet tat lill-konvenuta b’donazzjoni. Il-konvenuta qalet: *“Wara dak in-nhar Maria Debono baqghet xahrejn ohra tghix maghna qabel ma telqet ghand ohti Rose u* ***meta telqet, kienet marret bil-kelma t-tajba. Matul dawk ix-xahrejn ir-relazzjonjiet kienu normali u bqajt nixtrilha u nsajjrilha.”*** (fol. 255). Pero’ jekk l-affarijiet kienu ward u zahar kif iddeskriviet il-konvenuta u kif qalet Theresa Rapa (omm il-konvenuta) l-attrici kienet fuq wicc l-idejn, x’wassal lill-attrici sabiex tohrog mid-dar fejn kienet tghix u tfittex rifugju ghand neputijiet ohra ? L-attrici kkonfermat li marret ghand in-neputijiet taghha u talbithom ighinuha; *“Fil-fatt xi xahrejn wara li tlabthom ftemu bejniethom li jzommuna erba’ xhur kull wiehed.”* (fol. 20). Il-qorti ma taqbilx li dak li gara kien minhabba l-ghira tal-familjari tal-konvenuta ghal fatt li kienet saret id-donazzjoni tal-fond lill-konvenuta. Il-qorti hi moralment konvinta li l-attitudni tal-konvenuta u l-familjari taghha kien wiehed ostili li wassal lill-attrici sabiex titlaq mid-dar u tmur tghix band’ohra.

Il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-konvenuta li sabiex donazzjoni tithassar minhabba ingratitudni bazata fuq mohqrija, l-atteggjament irid ikun “abitwali” u jikkonsisti fi “swat sadistiku”. Minn qari tal-Artikolu 1787 tal-Kodici Civili hu evidenti li hu mholli fid-diskrezzjoni tal-qorti liema agir jissarraf f’ingratitudni, u incident wiehed jista’ jwassal ghat-thassir tad-donazzjoni. Il-qorti lanqas mhi konvinta li l-konvenuta rnexxielha tressaq provi sodisfacenti li l-attrici kienet ostili jew aggressiva fil-konfront taghha. L-interess

tal-konvenuta kienet li tpingi f'dawl ikrah lill-attrici filwaqt li baqghet tinsisti li ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naha taghha. F'dan is-sens hi d-deposizzjoni ta' bintha Bernardette Apap li waqt il-kontro-ezami (fol. 220) ghamlet hilitha sabiex tpingi lill-attrici bhala persuna li:-

- dejjem riedet li tghaddi taghha;
- ma kellix mohha car u *"Ma tistax tkellimha, li taqbad tghajjat qisha mignuna."* (fol. 223);
- taghmel hsara lilha nnifisha billi, taghti fuq wiccha, tigbed xagharha u tigref il-gilda;

Ix-xenarju li pprovat tpingi din ix-xhud ma jsibx konferma fil-provi l-ohra.

Il-qorti ma tistax tiskarta l-fatt li:-

b. L-attrici kellha 85 sena. Ghalkemm fir-rigward tal-incident li sehh f'Awwissu 1996 il-konvenuta giet kundannata biss ghall-ammenda komplessiva ta' hamsin lira Maltija (Lm50), dan ma jtaffix il-gravita' tal-agir taghha. L-attrici spiccat kellha tqatta' hamest ijiem rikoverata l-isptar. Kif osserva l-awtur Laurent: *"Quando si tratta della revocazione fondata sull'ingratitudine, bisogna meno stare al carattere penale che* ***all'elemento morale del fatto di cui il donatario rendesi colpevole.****"* (*Principii di Diritto Civile*, Volum XIII pagna 8). Hu evidenti li l-konvenuta giet mahkuma minn *raptus* ta' rabja u hebbet ghall-mara anzjana. Agir li qatt mhu ser jigi gustifikat.

c. L-oggezzjoni u r-reazzjoni tal-konvenuta ghal fatt li l-attrici riedet lill-Arcipriet Zahra jibda jsarraf ic-cekkijiet tal-pensjoni, huma fihom infushom prova li l-konvenuta kienet arroganti, dominanti u possessiva fil-konfront tal-attrici. Il-konvenuta ma kellha l-ebda jedd li tindahal f'dak li kien jikkoncerna l-affarijiet personali tal-attrici. Irrizulta wkoll per ezempju kif il-konvenuta ma kenitx tkun trid li nies imorru jzuru lill-attrici; *"Jiena ma kontx nista' mmur nara xi gralha ghax kien ikun hemm in-neputija taghha Lina li kienet tkun ghassa u Marija kienet tghidli li Lina m'ghandha pjacir b'hadd b'min imur izurha."* (Maria Antonia Borg - fol. 32).

d. L-attrici ttrasferiet il-fond lill-konvenuta minghajr ma mponiet ebda kundizzjoni fuqha, hlief li rrizervat id-dritt ta' uzu tal-fond. L-incident li sehh fil-15 ta' Awwissu 1996 juru nuqqas ta' rikonoxxenza u rispett min-naha tal-konvenuta, cjoe' l-ingratitudni li proprju hi raguni ghar-revoka ta' donazzjoni.

L-isfortuna f'dan il-kaz hu li l-attrici, li fis -seduta tas-7 ta' Ottubru 1997 esprimiet ix-xewqa li tmur tghix fid-dar li kienet tat b'donazzjoni lill-konvenuta[1], mietet fis-17 ta' Marzu 2005 (fol. 302).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u:-**

**1. Tiddikjara li b'applikazzjoni tal-Artikolu 1787 tal-Kodici Civili hemm lok li tithassar id-donazzjoni li saret fis-17 ta' Frar 1994 minhabba ingratitudni, u dan in kwantu l-konvenuta saret hatja ta' mohqrija fil-konfront tad-donatrici Maria Debono.**

**2. Thassar id-donazzjoni li saret minn Maria Debono lil Michelina Apap permezz tal-kuntratt tas-17 ta' Frar 1994 fl-atti tan-nutar Dr Michael Refalo.**

**3. Fir-rigward tat-tielet talba tiddikjara li m'hemmx htiega ta' pubblikazzjoni ta' kuntratt in kwantu kull ma jrid isir hu li din is-sentenza tigi nsinwata fir-Registru Pubbliku bil-mod kif stipulat fl-Artikolu 239 tal-Kap. 12.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fatt konfermat ukoll minn Joseph Rapa (fol. 218).